SANNAT

Minuti tas-sebgħa laqgħa tas-sebgħa leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 20 ta' Ottubru 2009 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi-Sindku | Anthony Merċieċa |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1. Approvazzjoni tal-Minuti**

196 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru sitta' li saret fil-5 ta' Awwissu 2009.

**Item 2. Mill-Minuti**

197 *(para.154)* Rigward il-laqgħa mal-Kunsill Lokali Xewkija u l-Action Committee tal-Mġarr ix-Xini Regional Park sar qbil mill-Kunsill li ssir laqgħa flimkien ma' Daniele Fantecchi tal-*Gozo Action Group*. Jekk possibbli nhar il-Erbgħa, 18 ta' Novembru 2009 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Sannat.

198 *(para. 156)* Intbagħtu żewġ ħaddiema tal-IPSL mill-*pooling* sabiex jiżbgħu numru ta' Stop Signs u Bus Stop. Intbagħtu tlieta oħra li bnew parti mill-ħajt tat-Triq ta' Mġarr ix-Xini li kien imwaqqa' fejn tnaddaf it-terrapien fi Triq Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel li dan il-ħajt jitkaħħal u jingħata tibjida bis-siment.

199 *(para. 157)* Rigward il-Memo 46/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-ftuħ tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar ta' Sibt, il-Kunsill informa lil ETC sabiex jinġieb il-permess tagħhom ħalli jibda il-proċess ta' *Skrivan part Time*. Huma ġa bagħtu lista ta' nies li għandhom sal-25 ta' Ottubru sabiex japplikaw fl-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Segretarji Eżekuttivi ġew nfurmati li hija r-responsabilta' tagħhom li minn nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

2009, il-Kunsilli Lokali kollha jridu joffru s-servizz ta' *front office*. ld-Dipartiment intalab il-permess sabiex Joe Farrugia li qed jaħdem mal-Kunsill bħal skrivan fl-Iskema tal-*Community Works Scheme* jkun jista' jidħol xogħol temporanjament nhar ta' Sibt, bi ħlas sa kemm jiġi impjegat l-iskrivan part time.

200 *(para 158)* Dwar il-"Kampanja ta' Tindif għal Kunsilli Lokali" tkompla t-tindif tat-Toroq Mhux Urbani. Dan l-aħħar tnaddfet Triq id-Daħla taċ-Ċnus u nġieb scammel biex jinġabar l-iskart u l-ħaxix li kien hemm. Fl-24 ta' Ottubru ser issir l-attivita' ta' tindif u ġew mistiedna l-WasteServ Malta Ltd., l-Onor. Stefan Buontempo, l-Onor Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni u L-Onor. Ġiovanna Debono Ministru għal Għawdex. Dawn ser jingħataw ħames minuti kull wieħed biex jitkellmu. Dawn għandhom jitkellmu skond il-protokol. Tal-WasteServ Malta Ltd. għandhom jieħdu ħsieb li jġibu l-kontenituri l-kbar tal-*bring in site* u jitpoġġew fil-pjazza Tax-Xelina. Il-Ġimgħa ser jinġieb *compost bin* u *battrey bin* il-Kunsill biex is-Sibt filgħodu jitellgħu l-pjazza. Għandu jiġi ordnat trakk biex iġorr il-boros bl-iskart. Ser jiġi ordnat ukoll is-servizz tal-PA System għal kelliema.

201 *(para.164)* Ix-xogħol tal-ġebel tal-uffiċċju amministrattiv il-ġdid hu lest. II-fornitur tal-madum bidel l-madum kif ġie mitlub mill-perit. Bħal issa qed jitpoġġa l-madum tas-sular ta' isfel. It-twieqi tal-aluminium twaħħlu. Il-perit għandu jiġi mitlub joħroġ l-kont tax-xogħol tal-bini li huwa lest.

202 *(para.166)* L-attivita' tat-Tberik tal-Annimali fil-Pjazza Cocco Palmeri saret kif kien previst fis-27 ta' Settembru 2009.

203 *(para.166)* Il-festin u quddiesa ad unur Lawrence Buttigieg li kellha ssir nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru 2009 saret kif kien previst.

204 *(para.169)* It-tabella *cul de sac* li kellha teħel fi triq il-ġdida fi Triq Skerla li ma tinfidx twaħħlet.

205 *(para. 171)* Is-Sindku u s-Segretarju ltaqgħu ma' uffiċċjal tat-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern fil-Berġa tal-Baviera dwar il-qasma ta' l-art ta' bejn il-bini tal-kunsill administrattiv il-ġdid u l-art ta' John Grima. Wara l-istess uffiċjal ma' oħrajn ġew fuq il-post u kkonfermaw li l-Kunsill għandu raġun. Huma għandhom jieħdu passi billi jinfurmaw lill John Grima dwar dan, kif ukoll lil MEPA sabiex ma tieħux deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-permess tal-bini.

206 *(para. 173) D*war l-applikazzjoni tal-Iskema Inizjattivi Sportivi ser tiddaħħal il-football nursery tas-Sannat Lions F.C. Franco Azzopardi l-Isports Leader għandu jgħin f'din l-attivita'.

207 *(para. 176)* Dwar Joe Bonnici li kien talab il-permess biex ipoġġi krejn fi Triq Ta' Ċenċ ftit
'il barra mill-bankina dawwar il-krejn bil-ġebel tal-kantun u mhux ta' periklu għall-pubbliku u ma jaffettwax il-*free flow* tat-traffiku.

SANNAT

208 *(para. 178)* L-Enemalta qalet li ma għandiex min imur jara n-numru tal-identifikazzjoni tal-bozoz li hemm neqsin madwar il-lokalita'. L-arblu tad-dawl li kien hemm fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus tneħħa. L-Enamalta qalulna li l-aħjar mod kif insolvu l-problema tal-fanali hi li titpoġġa salvavita akbar. Richard Cauchi ser jiġi mitlub jagħmel ix-xogħol.

209 *(para. 180)* Il-ħaddiema tal-Community Works Scheme qed inaddfu Triq id-Daħla taċ-Ċnus u bdew Triq Dun Luqa fejn mhix asfaltata. Għandu jinġieb trakk sabiex jiġbor il-kumplament tal-ħaxix minn Triq id-Daħla taċ-Ċnus.

210 *(para. 183)* Dwar ix-xiri tal-komputer biex jintuża mill-ħaddiema ta' l-Iskema Servizzi fil-Komunita li hemm jaħdmu fl-uffiċċju, inġabet stima mingħand Dr. Tek li hi ta' €492.10. Jekk ikun Vista li jista' jinqaleb XP jiġi €50 iżjed fil-prezz. Ġie rappreżentant ta' Dr. Tek u spjega is-sitwazzjoni. Għandu jsir kuntatt mal-MITA biex tinġieb informazzjoni dwar il-proġramm li jkun kompatibli mas-sistema tagħhom.

211 *(para. 186)* Fis-7 ta' Ottubru 2009 saret laqgħa ta' konsultazzjoni mill-*Gozo Action Group* fl-uffiċċju tal-Kunsill. Preżenti kien hemm is-Sur Fattachi u issemma Mġarr ix-Xini Regional Park. Il-Kunsill qabel li jitkellem ma' Daniele Fantecchi dwar il-persentaġġ li jitlob meta jieħu ħsieb applikazzjoni għal għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Europea.

212 Intervent mill-Kunsillier Taddeo Bajada

Fis-6.20 p.m. daħal għal laqgħa l-Kunsillier Taddeo Bajada u talab is-sospenzjoni tax-xogħol tal-laqgħa. Hu qal li hu għandu numru ta' mozzjonijiet li ilhom biex jersqu għad-diskussjoni mis-26 ta' Awwissu 2009. Sal ġurnata tal-lum ma tresqux għad-diskussjoni. Hu qal li mhux ser jattendi qabel dawn il-mozzjonijiet jitressqu għad-diskussjoni. Inġibdet l-attenzjoni tiegħu li kien hemm żewġ mozzjonijiet minn tiegħu li ġew diskussi u approvati. Dan ħareġ mil-laqgħa.

**Item 4. Korrispondenza**

213 L-applikazzjoni tal-Kunsill għal proġett taħt l-iskema Aċċessibilta Aħjar fil-lokalitajiet li
kienet saret f'April 2009 ġiet approvata. Il-Kunsill ser jingħata €8,838.80ċ bħala għajnuna għal *passenger lift* u toilets għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Nofs il-flus ingħataw waqt
attivita' li saret fil-14 ta' Ottubru 2009. Il-kumplament ser jingħataw wara li jitlesta l-proġett.

214 Memo 53/2009 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-ftuħ tal-uffiċini amministrattivi
nhar ta' Sibt fejn il-Kunsilli għandhom jibdew jiftħu mis-17 ta' Ottubru 2009 bejn it-8.00 a.m. u
l- 11.30 a.m.

215 Memo 54/2009 tds-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar avviżi li jistgħu jsiru fuq Education
22 u TVM.

216 Memo 56/2009 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-abboz numru 27 li jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali (kap 363). Dan l-abboz jirrifletti l-emendi leġislattivi li ġew approvati fil-proċess tar-Riforma tal-Kunsilli Lokali fit-30 ta' Settembru 2009.

217 Memo 57/2009 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar id-*disposal fees* ġodda għar-rimi tal-iskart imħallat fil-*landfill.*

218 Memo 59/2009 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li jemmendaw ir-regolamenti dwar il-proċess tal-offerti.

219 Memo 61/2009 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-regolamenti dwar Petizzjonijiet Quddiem it-Tribunali Lokali li ġew approvati fid-9 ta' Ottubru 2009.

220 Memo 62/2009 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-pubblikazzjoni tal-Att li jemendaw l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Att nru. XVI tal-2009 li ġie ppubblikat fis-6 ta' Ottubru 2009.

221 Memo 63/2009 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar sehem il-Kunsilli Lokali fi programmi u proġetti tal-Unjoni Europea. Kull Kunsill għandu jinforma lid-Dipartiment b'kull inizjattiva simili sa mill-bidunett tal-proċess. Il-Kunsill qabel li jitkellem ma' Daniele Fattacchi dwar il-persentaġġ li jitlob meta jieħu ħsieb applikazzjoni għal għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Europea.

222 Ittra mingħand il-K.I.P. Għawdex fejn infurmaw lill-Kunsill li mill-1 ta' Ottubru 2009, il-ġbir tal-iskart mhux separat telgħa għal kważi €20 kull tunnelata. Għal din is-sena ser jagħmel tajjeb temporanjament il-gvern. Il-KIP qed jiġbru wkoll l-iskart ta' xi stabilimenti kummerċjali li jinsabu fil-lokalita' li ma jagħmlux parti mill-0.78kg/ capita. Huma jridu jkunu jafu jekk humiex ser jibqgħu jiġbru dan l-iskart. Waslet ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar diffikultajiet li jikkonċernaw il-ġbir tal-iskart minn interpriżi kummerċjali. L-istruzzjonijiet li ngħataw huma li għalissa għandu jibqa' kollox l-istess għaliex għaddejjin diskussjonijiet dwar din il-materja mal-partijiet interessati u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

223 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar riklami, posters ta' xi attivitajiet ma' arbli tad-dawl, ħitan u sinjali oħra tat-transport li huma illegali. Il-Kunsill għandhom jinfurmaw lil għaqdiet u residenti li dan mhux permess. Tista' jsir bye law għal avviżi bi ħlas f'notice boards tal-Kunsilli. Il-Kunsill għandu jinforma lil dawn in-nies sabiex ineħħu dawn it-tabelli.

224 Ittra mill-AKL dwar il-Ġimgħa Europea ta' demokrazija lokali.

225 Ittra mingħand Joe Portelli, Waste Treatement Engineer Gozo tal-Waste Serve Malta Ltd. li qal li s-*site selection exercise* biex jinstab post għal BT plant qed isir madwar Għawdex kollu biex jidentifika postijiet ideali għal dan l-impjant.

226 Ittra mingħand l-ADT Manager ta’ Għawdex dwar it-tabelli li għandhom bżonn jinbidlu jew jiġu rranġati. Parti minn dawn it-tabelli huma responsabilta’ tal-Gvern Ċentrali. L-oħrajn għandhom jinbidlu mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jitpoġġew tabelli ġodda li jindikaw Ta’ Saguna Cliffs fi Triq Bebunaq fejn il-*Bring in Site*.

227 Ittra mingħand Old Wise Publications dwar kotba li għandhom b’nofs prezz.

228 Ittra min għand Eric Vella mill-Enemalta fejn qal li ma għandux riżorsi biżżejjed biex jibgħat in-nies tagħhom iduru l-arbli wieħed wieħed fis-Sannat u talab li tintbagħat il-lista bl-indirizzi tal-arbli li huma bla numru.

229 Is-Sindku tal-Għarb bagħat kopja ta’ ittra li hu bagħat lil Kevin Sciberras tas-Sezzjoni tal-Kultura ta’ Għawdex dwar l-attivitajiet tal-Kultura 2010.

230 Joseph Attard kiteb dwar il-kuntratt tal-open skips. Hu talab biex l-Open Skips jogħlew bi €19.09ċ kull wieħed. Dan għamlu għar-raġuni li l-prezz tar-rimi tal-iskart tal-iskips telgħa għal €20.

231 Renzo Curmi ta’ Galea Curmi Consultants offrew lill-Kunsill Lokali li huma fil-consortium sabiex jekk iridu jistgħu jidħlu fil-kumitat biex tiġi ppublikata u ssir l-adjudication tal-offerta li ser tkun l-istess għal Kunsilli kollha parteċipanti għas-sistema tal-*voltanic panels* fuq il-bejnt tal-uffiċċini l-ġodda. Nhar it-Tlieta, 27 ta’ Ottubru fil-4.30 p.m ser issir laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill ta’ San Pawl.

232 Il-Kunsilli Lokali Għawdxin ġew infurmati mill-Kumitat Organizattiv Lejliet Lapsi – Notte Gozitana 2010, li din l-attivita’ ser issir bejn l-14 u 16 ta’ Mejju 2010. Huma talbu l-kollaborazzjoni ta’ kulħadd b’risk din l-attivita’.

233 Refalo Signs kiteb dwar is-servizz li joffri ta’ twaħħil ta’ tabelli tat-traffiku.

## Item 4. Ħarġa għall-Anzjani

234 Sar qbil li ssir ħarġa għall-Anzjani f’Malta nhar it-Tlieta 27 ta’ Ottubru 2009. din għandha tikkonsisti f’quddiesa, imorru l-monti tal-Birgu, l-ikel ikun fil-Fanal Restaurant. Wara jżuri l-katakombi ta’ San Pawl,ir-Rabat.

## Item 5.Il-proċess għal għażla tal-iskrivan Part Time.

235 Il-proċess għal għażla ta’ skrivan Part Time tħalla għal laqgħa oħra wara li jkunu waslu l-applikazzjonijiet ta’ dawk li qed jirreġistraw taħt ir-reġistru Part One tal-ETC.

## Item 6. Attivitajiet għal Milied

SANNAT

236 Dwar it-tiżjin ta’ triq sar qbil li jiġi mqabbad Josef Azzopardi. Ix-xogħol irid jkun lest sal-aħħar ta’ Novembru 2009.

237 Dwar l-anzjani sar qbil li flok gallettini kull persuna jingħata flixkun għasel u flixkin inbid żgħir.

238 Għat-tfal għandha ssir attivita’ fejn it-tfal jingħataw borża li tkun tikkonsisti f’ħelu u ċikkulata kif ukoll jingħataw rigal.

239 Il-grotta tal-Milied għandha titpoġġa maz-zuntier. L-Arċipriet għandu jintalab jissuplixxi d-dawl. Is-Sindku semma jekk tal-armar jingħatawx jarmaw il-presepju u l-Kunsill jagħmillhom l-għotien tal-arbli tal-festa. Din għad trid tiġi deċiża darba oħra.

240 Issemma wkoll li jsir kunċert possibilment fil-knisja u jintefqu sa €500.

## Item 7. Attivitajiet Oħra

241 Apparti n-Notte Scarlata f’Ġunju 2010 sar qbil li jsiru numru ta’ attivitajiet għal matul is-sena 2009 – 2010 li huma:

242 Il-Karnival issir nhar it-Tnejn, 22 ta’ Frar 2009. Dan għandu jikkonsisti fi gruppi taż-żfin, kompetizzjonijiet tal-kostuni tat-tfal, kompetizzjonijiet tal-maskarati għat-tfal u għal kbar u ballu.

243 F’April 2010 għal żmien Jum Sannat għandu jiġi ffirmat il-ġemellaġġ mal-Kunsill Lokali Dingli. Attivitajiet oħra għandhom ikunu esebizzjoni ta’ oġġetti ta’ talent minn Sannat u Talent show.

244 F’Ottubru 2010 tiġi mfakkra it-traġedja tal-vittmi tal-10 ta’ Ottubru 1942. Din għandha tkun maqsuma fuq jumejn. Id-9 ta’ Ottubru ssir esebitzjoni u diskors dwar it-traġedja. Fil-10 ta’ Ottubru 2010 issir quddiesa, jinġabu l-karozzi tal-militar u suldati jew scouts. Fil-10.20 a.m. tindaqq is-serena u jsir ħoss ta’ bomba. Wara jsir diskors minn Fr. Bezzina u Charles Bezzina. Hu previst li jekk possibli jinfetaħ shelter.

245 Is-Sindku ppropona li tinħatar person biex tieħu ħsieb l-attivitajiet bi ħlas. Hu ppropona lil Mary Mifsud.

## Item 8. Materja oħra

246 Wasal il-permess tat-tiġdid tar-*Recreational area* ta’ Skerla mingħand il-MEPA. Il-kawża fuq din l-art hi deferita għat-2 ta’ Diċembru 2009.

SANNAT

247 L-offerta tal-irħam għat-taraġ tal-uffiċċini amministrattivi ħarġet u ser tagħlaq fil-20 ta' ta' Novembru 2009.

248 Dwar n-numri tal-fanali li hemm fil-lokalita' ġew kkuntatjati l-Enemalta sabiex jagħtuna n-numri skont is-sistema. Għandu jiġi kkuntatjat ukoll l-Contrats Manager tas-sistema tad-dawl.

249 Il-K.I.P. Għawdex li huma l-kuntratturi tal-ġbir tal-iskart domestiku fil-lokalita' nfurmaw
lill- Kunsill li nsteraq l-*skip on wheels* ta' Triq Skerla. Sar rapport lill-pulizija mill-kumpanija.
Il- Kunsill qabel li dan jerġa jitpoġġa mill-kuntrattur.

250 Dwar l-applikazzjoni *Measure 323 – Conservation and upgrading of the Rural Heritage*, il-Kunsill intalab dikjarazzjoni ta' sid jew sidien tar-raba ta' Saguna fejn hemm il-ħajt tas-sejjieħ fejn jiddikjaraw li ma jsibux oġġezzjoni. Is-Sindku għandu jikuntatja lil xi nies li għandhom r-raba jmiss ma' dan il-ħajt sabiex jagħmlu dikjarazzjoni li ma għandhomx oġġezzjoni li jiġi r-restawrat dan il-ħajt tas-sejjieħ.

**Item. 9 Ilmenti**

251 Toni Sciberras ta' MyriamVille, Triq Dun Luqa ippropona li issir Stop Sign fi Triq it-
Tempju tal-Imramma kantuniera ma' Triq Dun Luqa għaliex perikoluża. Hu talab ukoll
sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq Cenc faċċata ta' Triq Santa Maria biex it-traffiku li jkun
ħiereġ minn din it-triq ma' jkollux ostakoli. Dwar l-Stop Sign ta' Triq it-Tempju ta' l-Imramma faċċata ta' Triq Dun Luqa, il-Kunsill qabel li ssir talba lil ADT għal din l-Stop Sign. Dwar
il- *Yellow Lines* fi Triq Ta' Ċenċ faċċata ta' Triq Santa Maria, il-Kunsill ma qabilx għaliex hemmhekk ser issir applikazzjoni għal bini għand il-MEPA.

252 Mercieca Joseph ta' 55, Triq it-Tillliera, talab sabiex issir bankina quddiem id-dar tiegħu. Din ġiet approvata. Ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tas-Sezzjoni tad-Distretti.

253 Deatu Spiteri ta' Plot 37, Triq it-Tin talab sabiex tiġi rranġata r-rampa li hemm li tagħmel parti minn l-istess bankina li għandu quddiem il-garage bla numru fi Triq Dun Luqa. Din
trid titbaxxa biex hekk ikun jista' daħħal il-vettura tiegħu mingħajr diffikulta'. Il-kurduna ta'
barra ser tibqa' l-istess. Dwar din il-Kunsill għandu jivverifika fejn hi eżatt din il-bankina.

254 John Grima talab sabiex issir tabella u żebgħa fl-art ta' *Give Way* fi Triq Dun Xand Aquilina f'dik il-parti tat-triq li tinżel minn Triq Xabbata għal Triq Dun Xand Aquilina kantuniera
ma' Triq Santa Maria. Dan sabiex jiġu evitati inċidenti bejn vetturi li jkunu neżlin min-naħa tal-Pjazza tax-Xelina li hija aktar traffikuża min-naħa ta' Triq ix-Xabbata. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lil ADT sabiex il-parti t'isfel ta' Triq Xabbata li tmiss ma' Triq Dun
Xand Aquilina (l-parti d-dejqa) u l-Pjazza tax-Xelina tkun *One Way* biss biex toħroġ minn Triq Xabbata. Filwaqt li Triq Dun Xand Aquilina l-parti d-dejqa bejn il-ħanut ta' Dwardu's
Butcher u Triq Xabbata tkun *One Way* biss biex tidħol għal Triq Xabbata.

SANNAT

255 Francis Cutajar ta’ *La Petite Fleur*, Triq il-31 ta’ Marzu, Rabat. Hu qal li għandu proprjeta’
f‘ Nru. 9 u 10 fi Sqaq fi Triq Xabbata. Dan qal li quddiem hemm parkeġġ riservat u ftit ‘l isfel minn dan, hemm bank illi jekk jitneħħa jiffranka ħafna inkwiet u ġlied. Il-Kunsill ma qabilx
li jitneħħa dan il-bank.

256 Carmel Azzopardi, Casa Madonnina, Triq Saguna talab sabiex issirlu l-bankina jekk possibbli tal-madum. Hu lest li ppoġġi l-madum hu jekk jagħmlulu l-kurduna.

**Item 10.Approvazzjoni tal-Pagamenti**

257 Ġew approvati l-pagamenti pendenti skond Skeda Nru. 2.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.40 ta’ filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa, 4 ta’ Novembru 2009 fis-7.00 p.m.

________________________
Arthur Bajada
Segretarju Eżekuttiv

________________________
Philip Vella
Sindku